**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 34/01***

***Pulizija***
***Spettur Sandro Gatt***
***v***
***Silvio Buttigieg***

Illum 25 ta' Jannar 2002.

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq is-segwenti reati:
**Pussess ta' eroina u Recedivita'.**

Illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta li l-imputat kien ammetta verbalment ma' l-ufficcjal prosekutur li huwa kien abbuza mid-droga eroina izda ma rrizultax f' liema perjodu kien sar dan l-abbuz u ghaldaqstant ma jistax jinghad illi gie pprovat li l-imputat abbuza mid-droga eroina fil-perjodu inkriminat.

In vista ta' din il-mankanza fil-provi, il-Qorti tosserva li l-akkuza ma tistax treggi stante li ma gietx sodisfaciment provati skond il-ligi.

Ghal dawn il-mottivi tiddeciedi illi issib l-imputat mhux hati skond l-akkuzi tilliberah minnhom.

***Dr. Noel Cuschieri***
***Masgistrat***